

III

(Atti preparatorji)

IL-KUNSILL

POŻIZZJONI (UE) Nru 1/2013 TAL-KUNSILL

fl-ewwel qari bil-ħsieb tal-adozzjoni ta' Regolament tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill li jemenda l-Anness I għar-Regolament tal-Kunsill (KE) Nru 1528/2007 fir-rigward tal-eskużżjoni ta' għadd ta' pajjiżi mil-lista ta' reġjuni jew stati li kkonkludew in-negożjati

Adottata mill-Kunsill fil-11 ta' Diċembru 2012

(2013/C 39 E/01)

IL-PARLAMENT EWROPEW U L-KUNSILL TAL-UNJONI EWROPEA,

Wara li kkunsidraw it-Trattat dwar il-Funzjonament tal-Unjoni Ewropea, u b'mod partikolari l-Artikolu 207(2) tiegħu,

Wara li kkunsidraw il-proposta mill-Kummissjoni Ewropea,

Wara li l-abbozz tal-att leġislattiv intbagħat lill-parlamenti nazzjonali,

Filwaqt li jaġixxu skont il-proċedura leġislattiva ordinarja ⁽¹⁾,

Billi:

(1) In-negożjati dwar il-Ftehimiet tas-Sħubija Ekonomika ('il-Ftehimiet') bejn:

l-Istati tal-CARIFORUM, minn naħħa waħda, u l-Komunità Ewropea u l-Istati Membri tagħha, minn naħħa oħra, ġew konklużi fis-16 ta' Diċembru 2007;

il-Komunità Ewropea u l-Istati Membri tagħha, minn naħħa waħda, u l-Parti tal-Afrika Ċentrali, minn naħħa oħra, ġew konklużi fis-17 ta' Diċembru 2007 (ir-Repubblika tal-Kamerun);

il-Gana, minn naħħa waħda, u l-Komunità Ewropea u l-Istati Membri tagħha, minn naħħa oħra, ġew konklużi fit-13 ta' Diċembru 2007;

il-Côte d'Ivoire, minn naħħa waħda, u l-Komunità Ewropea u l-Istati Membri tagħha, minn naħħa oħra, ġew konklużi fis-7 ta' Diċembru 2007;

⁽¹⁾ Pożizzjoni tal-Parlament Ewropew tat-13 ta' Settembru 2012 (għadha ma għixx ippubblikata fil-Ġurnal Uffiċjali) u pożizzjoni tal-Kunsill fl-ewwel qari tal-11 ta' Diċembru 2012. Pożizzjoni tal-Parlament Ewropew ta'

l-Istati Afrikani tal-Lvant u tan-Nofsinhar, minn naħħa waħda, u l-Komunità Ewropea u l-Istati Membri tagħha, minn naħħa oħra, ġew konklużi fit-28 ta' Novembru 2007 (ir-Repubblika tas-Seychelles u r-Repubblika taż-Żimbabwe), fil-4 ta' Diċembru 2007 (ir-Repubblika tal-Mawrizju), fil-11 ta' Diċembru 2007 (l-Unjoni tal-Komoros u r-Repubblika tal-Madagaskar) u fit-30 ta' Settembru 2008 (ir-Repubblika taż-Żambja);

l-Istati tal-FSE SADC, minn naħħa waħda, u l-Komunità Ewropea u l-Istati Membri tagħha, minn naħħa oħra, ġew konklużi fit-23 ta' Novembru 2007 (ir-Repubblika tal-Botswana, ir-Renju ta' Lesoto, ir-Renju tas-Swaçiland, ir-Repubblika tal-Możambik) u fit-3 ta' Diċembru 2007 (ir-Repubblika tan-Namibja);

l-Istati Msieħba tal-Komunità tal-Afrika tal-Lvant, minn naħħa waħda, u l-Komunità Ewropea u l-Istati Membri tagħha, minn naħħa oħra, ġew konklużi fis-27 ta' Novembru 2007;

l-Istati Paċifiċi, minn naħħa waħda, u l-Komunità Ewropea, minn naħħa oħra, ġew konklużi fit-23 ta' Novembru 2007.

(2) Il-konklużjoni tan-negożjati dwar il-Ftehimiet minn Antigua u Barbuda, il-Commonwealth tal-Bahamas, il-Barbados, il-Belize, ir-Repubblika tal-Botswana, ir-Repubblika tal-Burundi, ir-Repubblika tal-Kamerun, l-Unjoni tal-Komoros, ir-Repubblika tal-Côte d'Ivoire, il-Commonwealth ta' Dominika, ir-Repubblika Dominikan, ir-Repubblika tal-Fiġi, ir-Repubblika tal-Gana, il-Grenada, ir-Repubblika Koperattiva tal-Guyana, ir-Repubblika ta' Haiti, il-Ġamajka, ir-Repubblika tal-Kenja, ir-Renju ta' Lesoto, ir-Repubblika tal-Madagaskar, ir-Repubblika tal-Mawrizju, ir-Repubblika tal-Możambik,

ir-Repubblika tan-Namibia, l-Istat Indipendenti tal-Papwa Ginea Ġdida, ir-Repubblika tar-Rwanda, il-Federazzjoni ta' Saint Kitts u Nevis, Santa Luċija, Saint Vincent u l-Grenadini, ir-Repubblika tas-Seychelles, ir-Repubblika ta' Surinam, ir-Renju tas-Sważiland, ir-Repubblika Unita tat-Tanzanija, ir-Repubblika ta' Trinidad u Tobago, ir-Repubblika tal-Uganda, ir-Repubblika taż-Żambja u r-Repubblika taż-Żimbabwe ppermettiet l-inklużjoni tagħhom fl-Anness I tar-Regolament tal-Kunsill (KE) Nru 1528/2007 tal-20 ta' Diċembru 2007 li jaapplika l-arranġamenti għall-prodotti li jorġinaw fċerti stati li huma parti mill-Grupp ta' Stati Afrikan, Karibej u Paċifiċi (AKP) previsti fi ftehim[iet] li jistabilixxu, jew li jwasslu biex jiġu stabbiliti, Ftehim[iet] ta' Sħubija Ekonomika (¹).

- (3) Ir-Repubblika tal-Botswana, ir-Repubblika tal-Burundi, ir-Repubblika tal-Kamerun, l-Unjoni tal-Komoros, ir-Repubblika tal-Côte d'Ivoire, ir-Repubblika tal-Fiġi, ir-Repubblika tal-Gana, ir-Repubblika ta' Haiti, ir-Repubblika tal-Kenja, ir-Renju ta' Lesoto, ir-Repubblika tal-Możambik, ir-Repubblika tan-Namibia, ir-Repubblika tar-Rwanda, ir-Renju tas-Sważiland, ir-Repubblika Unita tat-Tanzanija, ir-Repubblika tal-Uganda u r-Repubblika taż-Żambja ma ħadux il-passi neċċesarji għar-ratifikazzjoni tal-ftehimiet rispettivi tagħhom.
- (4) Konsegwentement, fkonformitá mal-Artikolu 2(3) tar-Regolament (KE) Nru 1528/2007, u partikolarm il-punt (b) tiegħu, l-Anness I għal dak ir-Regolament għandu jiġi emendat biex dawk il-pajjiżi jitneħħew minn dak l-Anness.
- (5) Sabiex ikun żgurat li dawk il-pajjiżi jerġgħu jiddaħħlu immedjatamente fl-Anness I għar-Regolament (KE) Nru 1528/2007 hekk kif ikunu ħadu l-passi neċċesarji għar-ratifikazzjoni tal-Ftehimiet rispettivi tagħhom, u sakemm dawn jiddaħħlu fis-seħħ, is-setgħa tal-adozzjoni tal-attiskont l-Artikolu 290 tat-Trattat dwar il-Funzjonament tal-Unjoni Ewropea għandha tigħiġi delegata lill-Kummissjoni sabiex ikunu jistgħu jerġgħu jiddaħħlu l-pajjiżi mneħħija mill-Anness I għar-Regolament (KE) Nru 1528/2007 skont dan ir-Regolament. Huwa ferm importanti li l-Kummissjoni, matul ix-xogħol ta' tħejjija tagħha, tikkonsulta b'mod xieraq, inkluż fil-livell tal-esperti. Il-Kummissjoni, meta tkun qiegħda tħejji u tfassal atti ddelegati, għandha tiżgura li jkun hemm trasmissioni simultanja, fil-ħin u xierqa, tad-dokumenti rilevanti lill-Parlament Ewropeu u lill-Kunsill,

ADOTTAW DAN IR-REGOLAMENT:

Artikolu 1

Ir-Regolament (KE) Nru 1528/2007 huwa b'dan emendat kif ġej:

(¹) ĠU L 348, 31.12.2007, p. 1.

(1) jiddaħħlu l-Artikoli li ġejjin:

"Artikolu 2a

Delega tas-setgħa

Il-Kummissjoni għandha tingħata s-setgħa li tadotta atti ddelegati skont l-Artikolu 2b biex temenda l-Anness I għal dan ir-Regolament billi jerġgħu jiddaħħlu dawk ir-reġjuni jew stati mill-Grupp tal-Istati tal-AKP li kienu tneħħew minn dak l-Anness skont ir-Regolament (UE) Nru .../... tal-Parlament Ewropeu u lill-Kunsill (*), u li minn dak iż-żmien ħadu l-passi neċċesarji għar-ratifikazzjoni tal-ftehimiet rispettivi tagħhom wara li jkunu tneħħew minn dak l-Anness.

Artikolu 2b

Eżerċizzju tad-delega

1. Is-setgħa tal-adozzjoni ta' atti ddelegati hija mogħtija lill-Kummissjoni suġġetta għall-kundizzjonijiet stabbiliti f'dan l-Artikolu.
2. Is-setgħa tal-adozzjoni ta' atti ddelegati msemmija fl-Artikolu 2a għandha tingħata lill-Kummissjoni għal perijodu ta' żmien mhux definit minn ... (**).
3. Id-delega tas-setgħa msemmija fl-Artikolu 2a tista' tijġi rrevokata fi kwalunkwe mument mill-Parlament Ewropeu jew mill-Kunsill. Deċiżjoni li tirrevoka għandha ttemm id-delega tas-setgħa speċifikata f'dik id-ċeċiżjoni. Din għandha ssir effettiva fil-jum wara l-pubblikazzjoni tad-deċiżjoni f'l-Ġurnal Uffiċjali tal-Unjoni Ewropea jew f'data aktar tard speċifikata fih. Ma għandhiex taffettwa l-validità tal-atti ddelegati li jkunu digħi fis-seħħ.
4. Hekk kif tadotta att iddelegat, il-Kummissjoni għandha, fl-istess waqt, tinnotifikah lill-Parlament Ewropeu u lill-Kunsill.
5. Att iddelegat adottat skont l-Artikolu 2a għandu jidħol fis-seħħ biss jekk ma ssir l-ebda ogħżejjon mill-Parlament Ewropeu jew mill-Kunsill fi żmien xahrejn min-notifika ta' dak l-att lill-Parlament Ewropeu u lill-Kunsill jew jekk, qabel ma jiskadi dak il-perijodu, kemm il-Parlament Ewropeu kif ukoll il-Kunsill ikunu infurmaw lill-Kummissjoni li mhumiex sejriji jogġeżżonaw. Dak il-perijodu għandu jkun estiż b'xahrejn fuq l-inizjattiva tal-Parlament Ewropeu jew tal-Kunsill.;

(*) ĠU L ...

(**) Data tad-dħul fis-seħħ ta' dan ir-Regolament".

(2) L-Anness I huwa sostitwit bit-test li jinsab fl-Anness għal dan ir-Regolament.

Artikolu 2

Dan ir-Regolament għandu jidħol fis-seħħ fit-tielet jum wara dak tal-pubblikkazzjoni tiegħu f'*Il-Ġurnal Uffiċjali tal-Unjoni Ewropea*.

Huwa għandu japplika mill-1 ta' Jannar 2014.

Dan ir-Regolament għandu jorbot fl-intier tiegħu u japplika direttament fl-Istati Membri kollha.

Magħmul fi,

Għall-Parlament Ewropew

Il-President

[...] [...]

Għall-Kunsill

Il-President

[...] [...]

—

ANNESS

“ANNESS I

Lista ta' reġjuni jew statij li kkonkludew in-negożjati skont it-tifsira tal-Artikolu 2(2):

ANTIGWA U BARBUDA
IL-COMMONWEALTH TAL-BAHAMAS
IL-BARBADOS
IL-BELIŽE
IL-COMMONWEALTH TA' DOMINIKA
IR-REPUBLIKA DOMINIKANA
IL-GRENADA
IR-REPUBLIKA KOOPERATTIVA TAL-GUJANA
IL-ĞAMAJKA
IR-REPUBLIKA TAL-MADAGASKAR
IR-REPUBLIKA TAL-MAWRIZJU
L-ISTAT INDIPENDENTI TAL-PAPWA GINEA ĠDIDA
IL-FEDERAZZJONI TA' SAINT KITTS U NEVIS
SANTA LUĊIJA
SAINT VINCENT u I-GRENADINI
IR-REPUBLIKA TAS-SEYCHELLES
IR-REPUBLIKA TAS-SURINAM
IR-REPUBLIKA TA' TRINIDAD U TOBAGO
IR-REPUBLIKA TAŻ-ŻIMBABWE”

DIKJARAZZJONI TAR-RAĠUNIJIET TAL-KUNSILL

I. INTRODUZZJONI

Fit-30 ta' Settembru 2011, il-Kummissjoni ppreżentat lill-Kunsill u lill-Parlament Ewropew il-proposta tagħha għal Regolament tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill li jemenda l-Anness I għar-Regolament tal-Kunsill (KE) Nru 1528/2007 fir-rigward tal-eskużjoni ta' għadd ta' pajjiżi mil-lista ta' reġjuni jew stati li kkonkludew in-negozjati (¹).

Il-Parlament Ewropew adotta l-pożizzjoni tiegħu fl-ewwel qari u r-riżoluzzjoni leġislattiva korrispondenti matul is-sessjoni plenarja tat-13 ta' Settembru 2012 (²).

Fit-22 ta' Ottubru 2012 il-Kunsill laħaq qbil politiku dwar it-test tal-proposta (³).

II. OBJETTIV

Il-Ftehimiet ta' Sħubija Ekonomika jitfasslu bħala strumenti għall-promozzjoni tal-integrazzjoni reġjonali u l-iżvilupp ekonomiku fil-pajjiżi tal-AKP; huma bbażati fuq il-prinċipju tal-ftuħ asimetru tas-suq u l-provvediment ta' riżorsi finanzjarji sostanzjali għall-appoġġ ta' riformi ta' politika ekonomika fl-istati tal-AKP. Il-Ftehimiet ta' Sħubija Ekonomika jieħdu post ir-reġim preċedenti dwar l-aċċess għas-suq rigward preferenzi unilaterali għall-pajjiżi tal-AKP, wara' l-iskadenza ta' eżenzjoni tal-WTO fil-31 ta' Diċembru 2007.

Sal-aħħar tal-2007 kien possibbli li jingħata bidu għal għadd ta' Ftehimiet ta' Sħubija Ekonomika, u fl-20 ta' Diċembru 2007, il-Kunsill adotta r-Regolament (KE) Nru 1528/2007, li stabbilixxa r-reġim ta' importazzjoni tal-UE għall-pajjiżi Afrikani, tal-Karibew u tal-Paċifiku li kienu nnegożjaw, iżda għadhom ma ffirmawx u ma rratifikaw, Ftehimiet ta' Sħubija Ekonomika. L-għan tar-Regolament kien li jevita tfixxil kummerċjali filwaqt li l-pajjiżi Afrikani, tal-Karibew u tal-Paċifiku jersqu lejn ir-ratifikasi tal-ftehimiet. Madankollu, fl-2011, tmintax-il pajjiż jew kienu għadhom ma ffirmawx il-ftehim tagħhom jew kienu għadhom mhux qed jaapplikawh. Fid-dawl ta' dawn l-iżviluppi u f'tentatt sabiex jiġu żblukkati n-negozjati, fit-30 ta' Settembru 2011 il-Kummissjoni adottat Proposta għal Regolament tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill li jemenda l-Anness I għar-Regolament tal-Kunsill (KE) Nru 1528/2007 fir-rigward tal-eskużjoni ta' għadd ta' pajjiżi mil-lista ta' stati jew reġjuni li kkonkludew in-negozjati. Skont il-kriterji stabbili fl-Artikolu 2(3) tar-Regolament tal-Kunsill (KE) Nru 1528/2007, il-preferenzi kummerċjali mogħiġi lil dawn il-pajjiżi ma għandhomx jinżammu aktar. L-abbozz ta' Regolament għandu l-għan li jemenda l-lista ta' pajjiżi li jibbenefikaw mill-preferenzi kummerċjali fir-Regolament (KE) Nru 1528/2007, billi jneħħi dawk il-pajjiżi li għadhom ma ħadux il-passi meħtieġa sabiex jirratifikaw il-Ftehimiet ta' Sħubija Ekonomika mal-UE.

III. ANALIŻI TAL-POŻIZZJONI TAL-KUNSILL FL-EWWEL QARI

Ġenerali

Il-Kunsill jappoġġa l-proposta tal-Kummissjoni b'aġġustament tekniku relatat mal-inseriment taż-Żimbabwe fl-Anness I għar-Regolament tal-Kunsill (KE) Nru 1528/2007. Fil-mument meta l-Kummissjoni ppreżentat il-proposta tagħha, tmintax-il pajjiż, inklūza r-Repubblika taż-Żimbabwe, ma kinux ġadu l-passi meħtieġa sabiex jirratifikaw il-Ftehimiet ta' Sħubija Ekonomika. Madankollu, fir-rebbiegħa 2012, iż-Żimbabwe nnotifika li ddepożita l-strument ta' ratifika tal-Ftehim Interim ta' Sħubija Ekonomika.

Emendi tal-PE

Fit-13 ta' Settembru 2012, il-Parlament Ewropew adotta l-pożizzjoni tiegħu fl-ewwel qari bl-introduzzjoni ta' emenda dwar il-posponiment tad-data tad-dħul fis-seħħi tar-Regolament għall-1 ta' Jannar 2016 minnflok l-1 ta' Jannar 2014. Il-Kunsill jikkondividli l-aproċċ tal-Kummissjoni li l-iskedha proposta fil-bidu tagħti lil dawk il-pajjiżi potenjalment affettawti iż-żmien biex jimplimentaw Ftehim ta' Sħubija Ekonomika u b'hekk iżommu l-aċċess attwali tagħhom għall-UE. Konsegwentement il-Kunsill ma jistax jaċċetta l-emenda 4.

(¹) Dok. 15025/11 ACP 188 WTO 338 UD 244 CODEC 1583.

(²) P7_TA-PROV(2012)0342.

(³) Dok. 14646/12 ACP 195 WTO 322 UD 242 CODEC 2310.

Fir-rigward tas-setgħat konferiti lill-Kummissjoni, il-Parlament Ewropew enfasizza l-ħtieġa li jkun debitament involut fit-tħejjija u l-implementazzjoni tal-atti d-delegati billi tīgħi limitata d-delega tas-setgħha konferita lill-Kummissjoni għal perijodu ta' ħames snin, u billi l-Kummissjoni tintalab tfassal rapport fir-rigward tad-delega tas-setgħha sa mhux aktar tard minn disa' xhur qabel it-tmiem tal-perijodu ta' ħames snin. Il-Parlament Ewropew jissuġġerixxi li d-delega ta' setgħa għandha tīgħi estiżza b'mod taċitu għal perijodi ta' żmien identiċi, ħliet jekk il-Parlament Ewropew jew il-Kunsill jogġgezzjonaw għal tali esten-sjoni sa mhux iktar tard minn tliet xhur qabel it-tmiem ta' kull perijodu. Il-Parlament Ewropew jissuġġerixxi wkoll li l-Parlament Ewropew u l-Kunsill għandu jkollhom erba' xhur (minflok xahrejn) biex jogġgezzjonaw għal att delegat. Il-Kunsill jikkondivid i l-aproċċċ tal-Kummissjoni dwar is-setgħat konferiti lill-Kummissjoni u f'dan il-kuntest il-Kunsill ma jistax jaċċetta l-emendi 1-3.

IV. KONKLUŻJONI

Il-Kunsill jilqa' u jappoġġa l-proposta tal-Kummissjoni bħala utli u addatta, u jista' jaċċettaha b'aġġustament tekniku sabiex tīgħi riflessal-introduzzjoni taż-Żimbabwe fl-Anness I għar-Regolament tal-Kunsill (KE) Nru 1528/2007. Il-Kunsill jemmen li l-pożizzjoni tiegħu fl-ewwel qari tirrappreżenta pakkett bil-bilanċjat. Huwa jistenna b'interess diskussjonijiet kostruttivi mal-Parlament Ewropew fit-tieni qari bil-ħsieb tal-adozzjoni bikrija tar-Regolament.
